

32003D0847

L 321/64

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

6.12.2003

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2003/847/JHA

tas-27 ta' Novembru 2003

li tikkonċerna miżuri ta' kontroll u sanzjonijiet kriminali rigward drogi sintetiċi ġodda 2C-I, 2C-T-2, 2C-T-7 u TMA-2

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkonsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 97/396/JHA tas-16 ta' Ġunju 1997 li tikkonċerna l-iskambju ta' informazzjoni, valutazzjoni ta' riskju u l-kontroll ta' drogi ġodda sintetiċi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tiegħu,

Wara li kkonsidra l-inizjattiva tar-Repubblika Taljana,

Billi:

- (1) Ir-rapporti tal-valutazzjoni tar-riskju fuq 2C-I (2,5-dimethoxy-4-iodophenethylamine), 2C-T-2 (2,5-dimethoxy-4-ethylthiophenethylamine), 2C-T-7 (2,5-dimethoxy-4-(n)-propylthiophenethylamine), TMA-2 (2,4,5-trimethoxyamphetamine) kienu magħmula fuq il-bażi ta' l-Artikolu 4(3) ta' l-Azzjoni Konġunta 97/396/JHA waqt laqgħa li saret taħt il-patroċinju tal-Kumitat Xjentifiku taċ-ċentru Ewropew ta' l-Osservazzjoni fuq Drogi u Dipendenza fuq id-Drogi.
- (2) 2C-I, 2C-T-2, 2C-T-7 u TMA-2 huma derivattivi mill-amfetamini li għandhom karatteristiċi strutturali tal-phenethylamines, li huma assoċjati ma' attivitajiet alluċinoġeniċi u stimulant. 2C-I, 2C-T-2, 2C-T-7 u TMA-2 ma għewx irrapporati li huma assoċjati ma' intossinazzjoni fatali jew mhux-fatali ġol-Komunità. Madankollu 2C-I, 2C-T-2, 2C-T-7 u TMA-2 huma drogi alluċinoġeniċi li jgħorru riskji potenzjali komuni għal sustanzi alluċinoġeniċi oħra, bħal 2C-B, DOB, TMA and DOM, diġà kklassifikati fl-Iskedi I jew II tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq Sustanzi Psikotropiċi. Għalhekk riskju ta' tossiċità akuta jew kronika ma tistax tkun eskluża.
- (3) Bħalissa 2C-I, 2C-T-2, 2C-T-7 u TMA-2 m'humiex imniżżlin fxi Skeda tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq Sustanzi Psikotropiċi ta' l-1971.
- (4) Preżentament, 2C-I u 2C-T-2 huma kkontrollati taħt il-leġislazzjoni nazzjonali dwar drogi f'fames Stati Membri; 2C-T-7 u TMA-2 huma kkontrollati f'erba' Stati Membri.

- (5) 2C-I, 2C-T-2, 2C-T-7 u TMA-2 m'għandhom l-ebda valur terapewtiku jew użu industrijali.

- (6) 2C-I għet identifikata f'erba' Stati Membri; 2C-T-2 u 2C-T-7 għew identifikati f'sitt Stati Membri; TMA-2 għet identifikata f'fames Stati Membri. Preżentament Stat Membru wieħed irrapporata każ wieħed ta' traffikar internazzjonali ta' 2C-T-2 li jinvolvi żewġ Stati Membri oħra; l-ebda traffikar internazzjonali ta' 2C-I, 2C-T-7 u TMA-2 ma għet rrapportat. Laboratorji li jinvolvu l-produzzjoni ta' 2C-I, 2C-T-2, 2C-T-7 u TMA-2 għew maħtufa fi tliet Stati Membri. F'wieħed minn dawn l-Istati Membri, il-ħatfa ta' ammont kbir tas-sustanza intermedjarja 2C-H u d-dokumentazzjoni jimplikaw il-produzzjoni ta' 2C-I. Is-sustanzi kimiċi maġġuri ta' 2C-I, 2C-T-2, 2C-T-7 u TMA-2 huma kum-merċjalment disponibbli.

- (7) 2C-I, 2C-T-2, 2C-T-7 u TMA-2 għandhom ikunu assoġġettati mill-Istati Membri għal miżuri ta' kontroll u pjeni kriminali, kif previst fil-leġislazzjoni tagħhom li tikkonforma ma' l-obbligi tagħhom skond il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq Sustanzi Psikotropiċi ta' l-1971 rigward sustanzi mniżżlin fl-Iskedi I jew II tiegħu,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji, skond il-liġi nazzjonali tagħhom, biex jissottomettu 2C-I (2,5-dimethoxy-4-iodophenethylamine), 2C-T-2 (2,5-dimethoxy-4-ethylthiophenethylamine), 2C-T-7 (2,5-dimethoxy-4-(n)-propylthiophenethylamine) u TMA-2 (2,4,5-trimethoxyamphetamine) għal miżuri ta' kontroll u pjeni kriminali, kif previst fil-leġislazzjoni tagħhom biex iħarsu l-obbligi tagħhom skond il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Sustanzi Psikotropiċi ta' l-1971 dwar sustanzi mniżżlin fl-Iskedi I jew II tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU L 167, tal-25.6.1997, p. 1.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom, skond it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 5(1) ta' l-Azzjoni Konġunta 97/396/JHA, jieħdu miżuri mniżżla fl-Artikolu 1 sa tliet xhur mid-data li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ.

Sa sitt xhur mid-data li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ l-Istati Membri għandhom jinformaw lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u l-Kummissjoni bil-miżuri li ħadu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandha tidħol fis-seħħ fil-ġuranta ta' wara d-data tal-pubblikazzjoni.

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' Novembru 2003.

Għall-Kunsill

Il-President

R. CASTELLI
